Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba biex ningħaqdu flimkien u nitolbu għat-tfal li qed ibatu, l-aktar dawk bla dar, orfni u vittmi tal-gwerra, biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni u ċ-ċans li jgawdu l-għożża ta' familja.



**Qari:** *Minn rakkont dwar diskors tal-Papa li għamel f'Manila fis-sena 2015*

"Hemm ħafna tfal traskurati mill-ġenituri tagħhom stess. Hemm ukoll ħafna li saru vittmi u ġrawlhom ħafna affarijiet terribbli bħad-droga jew il-prostituzzjoni. Għaliex Alla qed iħalli affarijiet bħal dawn iseħħu, anke jekk mhux tort tat-tfal? U għaliex hemm biss ftit nies li jgħinuna?" Hekk qalet Glyzelle, tifla ta' 12-il sena, li nfaqgħet tibki waqt li kienet qed tirrakkonta l-esperjenza tagħha lill-Papa.
Huwa wieġeb: "Glyzelle hija l-unika waħda li għamlet mistoqsija li għaliha m'hemmx tweġiba, u ma setgħetx tesprimiha bil-kliem, iżda bid-dmugħ biss.
"Għaliex it-tfal ibatu daqshekk?"... Il-Papa Franġisku spjega li "Huwa biss meta nitgħallmu nibku ma' dawk li qed ibatu li nistgħu nibdew nifhmuhom u nħobbuhom. ... Ġesù fil-Vanġelu beka; beka għal ħabibu li miet. Beka f'qalbu għal dik il-familja li kienet tilfet lil bintha..... Tqanqal u beka f'qalbu meta ra l-folla donnha nagħaġ bla ragħaj. Jekk intom ma titgħallmux tibku, m'intomx Insara tajbin. U din hi l-sfida! Glyzelle għamlitilna din l-isfida. U meta jistaqsuna: Għaliex it-tfal ibatu? Għaliex tiġri din jew dik it-traġedja fil-ħajja? Ħa jkun is-silenzju t-tweġiba tagħna, jew il-kelma li titnissel qalb id-dmugħ. Kunu kuraġġjużi, tibżgħux tibku!"

Mulej, nixtieq nirringrazzjak talli tant tħobbna
li mhux biss ħlaqtna xbieha tiegħek,
iżda ġejt tgħammar fostna biex turina t-triq li twassalna għand il-Missier.
Ġejt fostna biex turina kif għandna nħobbu lil Alla u lil xulxin.
Inti wrejtna bl-eżempju li għandna nħennu għal xulxin
meta kont tħenn għal min kien ikun marid u għal min kien ikun batut.
Mulej, bħal din it-tifla Filippina spiss nagħmlu din il-mistoqsija:
"Għaliex it-tfal ibatu daqshekk, speċjalment meta huma bla ħtija?"

X' ħasra, Mulej, li m'hemmx tweġiba għal din il-mistoqsija.
Agħtina d-dehen biex nagħrfu niftħu qalbna
għal dawk li qed isofru u li għandhom bżonn l-għajnuna.
Mulej, hi ħaġa veru tal-biża' u tal-mistħija
li "għexieren ta' miljuni ta' tfal
huma mġiegħla jaħdmu f'kundizzjonijiet degradanti,
u huma vittmi ta' skjavitù u abbuż, fastidju u diskriminazzjoni." (Papa Franġisku)
Mulej, nixtieq b'qalbi kollha, li lkoll nagħmlu
bħalma qal il-Papa Franġisku, jiġifieri
li naraw lil Kristu f'wiċċ it-tfal li qed ibatu.
Mulej, agħtina l-kuraġġ li nġeddu u nwettqu l-impenn tagħna,
speċjalment fil-familji, biex nipproteġu d-dinjità ta' kull tifel u tifla
u noffrulhom l-opportunità li jikbru f'ambjent san.
Agħmel, Mulej, li aħna nkunu lesti biex,
bħalma qalet Santa Tereża ta' Kalkutta,
ma noqogħdux nistennew li l-mexxejja jagħmlu xi ħaġa,
iżda nieħdu l-inizjattiva u ngħinu lil min hu fil-bżonn.

**KANT**

**Qari:** *Minn indirizz tal-Papa Franġisku waqt konferenza f'Novembru 2021*

Il-faqar estrem, in-nuqqas ta' xogħol u d-disprament li jinħoloq f'dawn iċ-ċirkostanzi fil-familji huma l-fatturi li jesponu l-aktar lit-tfal għall-isfruttament tax-xogħol. Jekk irridu neqirdu l-pjaga taċ-*child labour,* irridu naħdmu flimkien biex neqirdu l-faqar, biex nikkoreġu d-distorsjonijiet fis-sistema ekonomika attwali, li tiċċentralizza l-ġid f'idejn il-ftit. Hemm bżonn li nħeġġu lill-istati u lin-negozjanti kbar biex joħolqu opportunitajiet ta' xogħol diċenti u b'pagi ġusti, li jippermettu lill-familji li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom mingħajr ma' jkun hemm bżonn li jibagħtu lil uliedhom jaħdmu. Irridu ngħaqqdu l-isforzi tagħna biex nippromwovu edukazzjoni ta' kwalità, li tkun b'xejn għal kulħadd f'kull pajjiż, kif ukoll noħolqu sistema ta' saħħa li tkun aċċessibbli għal kulħadd mingħajr distinzjoni. L-atturi soċjali kollha huma msejħa jiġġieldu ċ-*child labour* u l-kawżi tiegħu.

Mulej Ġesù, it-tfal għandhom post speċjali għalik.
Fil-fatt inti kont għidt "Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi,
u la żżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom
hija s-Saltna tas-Smewwiet." (Mt:19:15)
Għinna, Mulej, biex nifhmu li t-tfal huma rigal prezzjuż mingħandek.
Agħti d-dehen lilna l-adulti, biex nifhmu li għandna l-privileġġ
u r-responsabbiltà li nieħdu ħsiebhom.
Kemm hi ta' sfortuna kbira Mulej, li l-imħabba u s-sigurtà
mhumiex ir-realtà għal mijiet ta' miljuni ta' tfal,
li jbatu minn sfruttament sesswali,
xogħol f'kundizzjonijiet perikolużi,
jew jitħabtu biex jgħixu fit-toroq!
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex dawn it-tfal isibu
l-protezzjoni u s-sigurtà li għandhom bżonn.
Agħtina d-dehen sabiex aħna nagħrfu ngħinu lit-tfal ta' madwarna
jgħixu l-ħajja sħiħa u abbundanti kif inti tixtieq għalihom.
Mulej, nixtiequ nitolbu wkoll għal dawk it-tfal
li, minħabba l-gwerra, jinsabu sseparati mill-familji tagħhom
u allura jsibu ruħhom vulnerabbli għall-isfruttament.
Nitolbu wkoll għal dawk it-tfal li jkunu mġiegħla
jingħaqdu ma' gruppi ribelli armati biex iservu
bħala suldati, *porters,* skjavi tas-sess, u aktar.
Nitolbuk Mulej sabiex tgħin lill-familji li,
minħabba li jkunu foqra u ma jkollhomx x'jieklu,
ikollhom jagħmlu għażliet iddisprati.
Għinhom Mulej, biex ma jkollomx għalfejn
jibagħtu t-tfal għax-xogħol, li ħafna drabi jkun iebes wisq għalihom
jew jagħtu lil uliedhom bniet żgħar għaż-żwieġ.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk biex tagħti l-għajnuna tiegħek
lil dawk it-tfal li huma bla dar, orfni jew vittmi tal-gwerra.
Agħmel li huma jkollhom aċċess għall-edukazzjoni
u l-opportunità li jesperjenzaw l-għożża tal-familja.
Mulej, agħtihom l-imħabba bla kundizzjoni tiegħek
u għinhom iħossu l-ferħ, il-paċi, s-serħan u s-sliem.

KANT

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbu mal-Papa, meta hu talabna biex naraw lil Kristu fit-tfal li qed ibatu: Nitolbuk sabiex inkunu kapaċi *"Naraw lil Kristu fit-tfal li flimkien mal-familji tagħhom qed isofru l-vjolenza minħabba l-kunflitt fl-Ukrajna u li qed iħalli riperkussjonijiet umanitarji serji ħafna."* Nitolbuk Mulej biex tagħti l-paċi lil dan il-pajjiż u biex it-tfal, speċjalment dawk iltiema, isibu min jilqagħhom u jagħtihom dak kollu li għandhom bżonn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex "*Naraw lil Alla fit-tfal tal-persuni bla xogħol, li jissieltu biex joffru lil uliedhom futur sigur u fil-paċi. Narawh ukoll f'dawk it-tfal li nsterqu u minn età żgħira huma sfurzati jaħdmu jew huma ngaġġati bħala suldati minn merċenarji bla skruplu."* Nitolbuk, Mulej,sabiex tieqaf ma' dawn it-tfal u sabiex huma jkollhom futur aħjar milli qed jgħixu llum.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex "*Naraw lil Kristu f'dawk it-tfal li huma sfurzati jaħarbu minn pajjiżhom biex jivvjaġġaw weħidhom f'kundizzjonijiet inumani u li spiss jispiċċaw fil-mira ta' traffikanti umani. F'għajnejn dawn it-tfal naraw id-dramm ta' dawk l-emigranti li jirriskjaw ħajjithom u li spiss jispiċċaw fi traġedja biex ifittxu futur aħjar."*
Mulej nitolbuk sabiex dawn it-tfal isibu min jilqagħhom u min joffrilhom post sigur fejn jistgħu jgħixu ħajja hienja, kif ukoll ikollhom edukazzjoni xierqa sabiex meta jikbru jkunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu skont il-fehma tal-Papa. Nitolbu għat-tfal li qed ibatu, l-aktar dawk bla dar, orfni u vittmi tal-gwerra, biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni u ċ-ċans li jgawdu l-għożża ta' familja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.